TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 167/12-F

**Grace Barbara**

**vs**

**Bathline Ltd.**

Illum 26 ta' Frar, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-16 ta' Lulju, 2012 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' mitejn ewro (€200), rappreżentanti depożitu fuq *shower cubicle* li meta ġie kkonsenjat lilhom, ma kienx bħal dak li kien ġie ordnat.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba u lanqas attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi huma kienu xtraw *shower tray cubicle* u li kienu ordnawh 120cm x 80 cm u fil-fatt dan ix-*shower tray cubicle* li ġie kkonsenjat lilhom kien 120cm x 70cm u li x-*shower cubicle* qatt ma ġie mwaħħal u għalhekk ir-rikorrenti qed titlob *shower tray cubicle* ieħor minflok dak preżenti u li jitħallsu tal-ispejjeż tax-xogħol li jrid jerġa' jsir .

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota illi l-intimat debitament notifikat kemm bl-avviż tat-talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ u msejjaħ tliet darbiet, baqa' ma deherx għas-seduta.

It-Tribunal jinnota wkoll illi sal-ħin tas-seduta, l-intimat kien għadu ma bagħatx risposta bil-miktub.

It-Tribunal, wara li sema' lir-rikorrenti, jinnota illi l-verzjoni tar-rikorrenti hija kredibbli anke minħabba l-fatt illi s-soċjeta' ntimata ma tatx każ tal-ilment tagħhom.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas is-somma ta' mitejn u tlettax–il ewro tax-*shower tray* (€213), u kif ukoll mitejn ewro (€200) tax-xogħol, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata u b'dan illi x-*shower cubicle* tiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070, FAX: (+356) 21239888